# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 26/2017

**Il-Pulizija**

**(Spettur Edward Zammit)**

**vs**

**Andrew Spagnol**

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2020

**Il-Qorti:**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Andrew Spagnol , detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 193764M quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar il-25 ta' Ġunju, 2016 għall-ħabta tal-23:00hrs fil-Mosta:

1. Insulenta jew hedded lil Fiona Spagnol jew jekk kien provokat, inġurjha b'mod li ħareġ mill-limitu tal-provokazzjoni

2. Hebb għall-Fiona Spagnol u kkaġuna ġrieħi ta' natura ħafifa fuq l-imsemmija persuna, hekk kif iċċertifikat Dr Louise Gatt

3. Ikkaġuna biża' li ser tintuża vjolenza kontra Fiona Spagnol jew kontra l-proprjeta' tagħha jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi ħadd mill-axxendenti jew dixxendenti tal-imsemmija persuna.

4. Bħala persuna inġurja, hedded jew għamel offiża fuq persuna ta' wieħed inkariġat skont il-liġi minn servizz pubbliku, cioe' lil PC 575, waqt li kienu qed jagħmlu jew minħabba li qed jagħmlu dan is-servizz bil-ħsieb li jbeżża' jew jinfluwixxi kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz [*sic*].

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tat-13 ta' Jannar, 2017 li biha sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u kkundannatu għal sitt (6) xhur priġunerija, multa t'elf (€1,000) Ewro kif ukoll ghall-ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412 C tal-Kap 9 għal tliet (3) snin favur Fiona Spagnol;

Rat ir-rikors tal-appell ta' Andrew Spagnol ppreżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti fil-25 ta' Jannar, 2017 li bih talab lil din il-Qorti **tirrevoka** s-sentenza u konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni u piena. B'mod sussisdjarju talab li **tirriforma** s-sentenza appellata fil-parti tal-piena karċerarja billi tkun imposta piena aktar ġusta u ekwa;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Semghet lill-partijiet;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-appellant ressaq zewg gravami fil-lanjanza tieghu ghas-sentenza appellata bl-ewwel wiehed jindirizza l-allegat apprezzament zbaljat tal-ewwel Qorti filwaqt li t-tieni wiehed ihares lejn il-piena erogata bhala wahda eccessiva;

2. Fl-ewwel aggravju tieghu l-appellant iressaq diversi argumenti in sostenn tal-allegazzjoni tieghu. Dawn izda, ma jistghux ikunu konsiderati fl-intier taghhom ghar-raguni illi x-xhieda principali dwar l-ewwel zewg imputazzjonijiet ghazlu li ma jixhdux, haga li kellhom kull dritt li jaghmlu peress illi huma relatati mal-imputat bhala mart u bint l-istess imputat. Ghalkemm dawn ix-xhieda offrew id-deposizzjoni taghhom quddiem l-ewwel Qorti, dawn ma kienux registrati u konsegwentement din il-Qorti *qua* wahda ta' appell tkun trid tisma' hi lix-xhieda mill-gdid. La darba dawn ix-xhieda issa ghazlu li ma jiddeponux, il-provi huma anqas minn dawk li kellha quddiemha l-ewwel Qorti;

3. A propositu ta' dan, kif din il-Qorti gia kellha l-okkazzjoni tlissen f'kawzi ohra fejn inqalet din ic-cirkostanza, kien ritenut illi dan ma huwiex appell fil-veru sens tal-kelma ghaliex din il-Qorti tkun effettivament qed tiddeciedi l-kaz tista' tghid *ex novo* minflok ma tkun qed tezercita il-funzjoni

proprja taghha, igifieri li tara jekk b'dawk il-provi l-ewwel Qorti setghetx ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha;

4. Qed issir referenza, per ezemplari, ghas-sentenza Il-Pulizija vs Ruth Catania tad-9 t'April, 2014 (Appell Krim. Numru 339/2012) fejn il-Qorti esprimiet eccezzjoni ghal principju appena ribadit dwar in-nuqqas ta' disturb tal-apprezzament tal-provi mill-ewwel Qorti:

*'Dan jirrigwarda in principju l-appelli kollha li jigu maghmula u itrattati quddiem din il-Qorti. Iżda hemm eċċezzjoni għal dan il-prinċipju meta l-appell hu minn kawżi sommarji jew distrettwali. Dan hu għaliex f'dawn il-kawżi x- xhieda ma hijiex traskritta. Għalhekk, din il-Qorti jkollha tisma' mill-ġdid il-provi prodotti quddiem l-ewwel Qorti. F'dawn il-każijiet jista' jagħti l-każ li xhud quddiem l-ewwel Qorti ma jgħidx eżatt l-istess quddiem din il-Qorti u dik l-inezattezza tista' tbiddel l-andament kollu tal-appell. Dan għaliex ma hemmx metodu kif tikkontrolla x-xhieda fid-diversi stadji tal-iter proċesswali.*

*Illi dan hu każ minnhom fejn realment ma jistax isejjaħlu appell fis-sens komplet tal- kunċett. Għalhekk, l-apprezzament tal-provi prodotti quddiem din il-Qorti hu wieħed pjuttost soggettiv minħabba l-fatt li ma hemm ebda traskrizzjoni tax-xhieda fil-prima istanza.'*

5. Dan ikollu, oltre l-inkonvenjent ferm spjacevoli f'kazijiet fejn konjugi jew ulied ikollhom jergghu jiffaccaw it-trawma li jixhdu ghat-tieni darba, jista' jkun evitat b'emenda fil-ligi li tkun tipprovdi ghar-registrazzjoni mandatorja f'kull kawza quddiem il-Qorti tal-Magistrati. F'dak il-kaz, imbaghad, issir it-traskrizzjoni tax-xhieda biss f'dawk il-kawzi li dwarhom ikun intavolat appell. Frankament ma ghandux ikun hemm htiega ta' legislazzjoni ad hoc gia la darba l-Kapitolu 284 tal-ligijiet ta' Malta jaghti din il-fakulta;

6. Ventilat dan, jokkorri ezami tal-provi dwar il-kaz hawn devolut li fi ftit kliem jitratta dwar talba ghall-assistenza tal-Pulizija minn mart l-imputat liema Pulizija accedew fir-residenza in kwistjoni fejn hemm fetah il-bieb l-imputat li kien jidher xurban u mhux f'sikktu. Fir-residenza kien hemm mart l-imputat li bdiet tilmenta minn aggressjoni minn zewgha u ghalhekk il-Pulizija ghaddew biex jarrestawh izda inizjalment rrifjuta li jinzel maghhom l-ghassa jekk mhux taht certi kundizzjonijiet fosthom li jkun manettat izda fl-ahhar ceda u hallihom jehduh;

Ikkonsidrat

1. Illi permezz ta' affidavit, PC 575 xehed illi fil-25 ta' Ġunju 2016 kien wiegeb ghal-sejha ta' assistenza dwar vjolenza domestika u rrikorra fuq il-post fejn kien l-imputat li fetah il-bieb u kien nnutat li kellu riha qawwija ta' xorb, ma kienx jiftiehem fi kliemu u jghid li ma kien gara xejn. Meta

kellem lill-martu allegat li kienet qalghet daqqa ta' ponn f'rasha minghand l-imputat, rrifjutat li tingieb ambulanza fuq il-post u li fil-post kien hemm tlett itfal ta' eta' zghira. Meta mitkellem mill-Pulizija, Andrew Spagnol beda jgħid li dik hija daru u li l-Pulizija ma kellhiex dritt tidħol ġo hwejgu. Mitlub jinzel l-Ghassa tal-Pulizija ghall-ewwel accetta izda wara ftit irrifjuta, imbaghad rega bdielu u baqa' sejjer hekk jibdel il-fehma. Wara li l-Pulizija ipperswadietu jinzel l-Ghassa, martu giet targumenta mieghu u regghet qamet kommossjoni fejn Spagnol ghamel sinjal b'sebghu ma' ghonqu u qal lil martu "nghamillek hekk jien";

2. Tkompli ix-xhieda ta' PC 575 meta jghid li Spagnol kien skortat 'l barra u beda jinsisti li jkun immanettjat alrimenti ma jitlax fil-karozza u jinzel bil-mixi. Talab li jkun manettjat bil-kunsens tieghu stess inkella ma jmurx mal-Pulizija u beda jirrezisti u jghid li ser igib ir-registrazzjoni tal-cameras li kellu fid-dar tieghu u qal li ser "iqieghed" lill-Pulizija meta imbaghad kien manettjat, inghata d-drittijiet tieghu u ttiehed gewwa l-ghassa;

3. PC 575 xehed ukoll viva voce quddiem din il-Qorti u zied jghid li l-imputat qatt ma ghajjat mal-Pulizija izda meta gew biex jarrestawh kien "irrezista ftit" izda minn hemm 'l quddiem kien kalm.

4. WPS 148 Denise Camilleri, ukoll permezz ta' affidavit, xehedet illi l-Ghassa tal-Pulizija tal-Mosta kienu infurmati minn mart Andrew Spagnol illi zewgha kien ghadu kemm

cemplilha u infurmaha li kien sejjer id-dar u fost tghajjir ikkagunalha biza' li kienet ser tintuza biza' jew vjolenza kontra taghha. Il-Pulizija tal-RIU irrikorrew fir-residenza. Sa dan il-punt rrakuntat il-fatti kif xehedhom PC 575 u ziedet tghid li meta tqieghdu l-mannetti fuq l-ewwel id pprova jiehu idu lura. Mehud l-Ghassa, l-imputat kien mitkellem u ttiehed l-isptar minhabba ugiegh f'sidru;

5. Fil-mori tal-kawza quddiem l-ewwel Qorti kien esebit certifikat mediku dwar Fiona Spagnol mahrug mid-Dipartiment tal-Kura Primarja, Floriana fis-26 ta' Gunju 2016 li jiddeskrivi "ugiegh wara widnitha x-xellugija";

6. L-imputat, li xehed quddiem l-ewwel Qorti fejn ukoll id-deposizzjoni tieghu ma kienitx registrata, ghazel illi ma jixhidx quddiem din il-Qorti u ghalhekk din il-Qorti m'ghandhiex il-beneficcju tkun taf x'qal fil-prim'istanza;

7. Illi dak li din il-Qorti issa tista' tiddeciedi dwaru bhala appell veru u proprju hu biss dwar ir-raba' imputazzjoni ghaliex fl-appell *cum* smiegh mill-gdid tal-provi kwantu l-ewwel, t-tieni u t-tielet imputazzjoni ix-xhud interessata ghazlet li ma toffrix id-deposizzjoni taghha u l-istess decizzjoni ttiehdet ukoll minn bintha. Kien jispetta lill-kwerelanta tghid kif kienet insulentata u kif hassha mhedda bl-agir tal-imputat u f'hiex kienet tikkonsisti l-biza' li ser tintuza vjolenza kontra taghha. Il-Qorti mhix qed tirreferi ghas-sinjal li l-imputat ghamel b'subghajh ma' ghonqu izda ghat-telefonata li ghamlet

lill-Ghassa tal-Mosta meta allegat li kienet ser tintuza biza' u vjolenza kontra taghha;

8. Il-Qorti tinnota illi mhix l-ewwel darba f'kawzi ta' allegata vjolenza domestika il-kwerelant jew kwerelanta jghazlu illi ma jissoktawx bil-proceduri billi ma jixhdux u dan ghal diversi ragunijiet li jvarjaw minn ravvicinament pacifiku bejn il-partijiet ghal-ripensament dwar il-konsegwenzi ta' proceduri kriminali specjalment wara sentenza tal-ewwel Qorti bhal fil-kaz odjern ghall-biza ta' tpattija f'kaz ta' sejbien ta' htija fost ohrajn. Il-Qorti ghexet kazijiet ukoll fejn il-kwerelant jew kwerelanta tant ikunu saru jiddependu mill-imputat jew imputata li jhossuhom sahansitra inkapaci li jipprosegwu bil-kwerela taghhom. Huwa importanti li l-Qorti u anke l-prosekuzzjoni jkunu addestrati sabiex jidentifikaw sitwazzjonijiet bhala dawn;

9. Frankament, izda, dak li l-Qorti tista' taghmel f'sitwazzjonijiet konsimili hu li taccerta ruhha illi ma jkunx hemm xi wahda minn dawn il-forom sinistri li qed jimpeddixxi lill-kwerelant jew kwerelanta milli jixhdu. Fil-kaz odjern, izda, d-dikjarazzjoni ta' ritorn ghall-hajja pacifika saret mill-imputat quddiem il-kwerelanta li kienet debitament assistita mill-avukat ta' fiducja taghha;

10. Illi ghalhekk in mankanza ta' provi ma tistax tinsab htija fl-ewwel, t-tieni u t-tielet imputazzjoni u dan bl-ebda riflessjoni fuq l-ewwel Qorti stante li, kif gia inghad *supra*, ix-xhieda ghazlu li ma jiddeponux f'din l-istanza;

11. Kwantu r-raba' imputazzjoni, ma jistax jitqies li sehh oltragg kif ravvizat fl-artikolu 95 tal-Kodici Kriminali. Kif tinsenja l-gurisprudenza in rigward, f'kull arrest ta' persuna huwa mistenni li jkun hemm xi ftit ta' rimostranza u din m'ghandiex ghalfejn tkun punita bi ksur ta' dan l-artikolu meta din tkun ta' natura leggera jew ta' ebda konsegwenza. Minn dak li semghet il-Qorti, l-imputat appellant lanqas biss jaf x'kien qed jaghmel u kien inkoerenti u minkejja dan ir-rezistenza ghall-arrest tieghu kienet tikkonsisti fir-rifjut li jittiehed l-ghassa jekk ma jkunx mmanettjat u meta kien konvint li jittiehed gibed idu lura meta tqieghdulu l-manetti u qal lill-Pulizija li ser iqieghdhom. Minn hemm 'l quddiem ma kien ta' ebda inkwiet u zamm kalm. Issa ghalkemm il-kliem "inqieghdkom" jista' jkun ta' konsegwenza, fic-cirkostanzi tal-kaz odjern ma jidhirx li kellhom jittiehdu ad litteram tant li ebda wiehed mill-Pulizija xhieda ma qalu li hasshom mhedda b'dak id-diskors. Dan ma jammontax ghal dik ir-rezistenza ravvizata fl-artikolu 95;

12. Ghal dawn il-motivi l-appell qed ikun akkolt u konsegwentement qed tirrevoka s-sentenza appellata, ma ssibx lill-appellant hati u tilliberah.